# Kumitat Amministrattiv FLEUR-DE-LYS

## Kunsill Lokali Birkirkara

Minuti tas-sbatax il-laqgha ta' l-Ewwel Kumitat Amministrattiv ta' Fleur-de-lys li saret fl-ufficju amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara nhar il-Gimgha, 25 ta' Novembru 2011 fl-4.00 pm.

**Il-Membri**

| | |
|---|---|
| **Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Ta' Fleur-de-lys** | Is-Sur Ronald Briffa |
| **Membri tal-Kumitat Amministrattiv** | Is-Sur Antoine Attard |
| | Is-Sur Tony Formosa |
| | Is-Sinjura Helen Montebello |
| | Is-Sur Emmanuel Farrugia (Assenti Skuzat) |
| **Sindku tal-Kunsill Lokali Birkirkara** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Deputat Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Arthur Pizzuto |

Ghas-sbatax il-laqgha tal-Kumitat Amministrattiv kienu prezenti s-Sur Ronald Briffa, s-Sur Antoine Attard, s-Sur Tony Formosa u s-Sinjura Helen Montebello. Ghal din il-laqgha ma kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku.

## 1. Talba

Il-Laqgha bdiet billi c-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal it-talba.

## 2. Korrezzjonijiet

Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 17

Il-minuti tal-sbatax il-laqgha kienu tqassmu mal-agenda u ttiehdu bhala moqrija. Il-minuti gew approvati mill-membri u ssekondati mis-Sinjur Antoine Attard.

## 4. Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti.

4.1 Dwar in-'Night Shelter' ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, qal li wasal iz-zmien li l-kumitat ghandu jerga jaghti spinta fuq din l-ideja. Ghandhom isiru il-laqghat necessarji mal-kunventi tas-sorijiet biex wiehed jara l-possibilta li dan isir.

4.2 Rigward il-kwistjoni tal-arbli tad-dawl ic-Chairperson, s-Sur Ronald Briffa qal li sfortunatament is-sitwazzjoni ghada l-istess.

4.3 Rigward il-progett tal-Bieb ta' Fleur-de-Lys ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li ghandha ssir laqgha mal-Perit Bugeja biex jaraw f'liema stadju wasal dan il-progett.

4.4 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa dwar il-parking fi triq l-Indjana qal li l-parkegg bl-arlogg ghadu qed jigi diskuss mat-Transport Malta.

4.5 Ic-Chairperson, dwar l-Arriva, qal li din il-problema ghada ma gietx solvuta. Huwa qal li kien qed ikellem il-diversi persuni ingarigati minn dan is-settur fejn resqilhom l-ilmenti tar-residenti ta' Fleur-de-Lys.

## 5. Kommunikazzjoni mic-Chairperson.

5.1 Rigward il-girja tal-5K, ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li din kienet

success kbir. L-ghan tal-girja ntlahaq u ngabret is-somma ta' €750 li din ha tinghata lil- Malta Community Chest Fund. Huwa zied jghid li ghandha tigi diskussa biex din l-attivita tidhol fil-kalendarju annwali.

5.2 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa, dwar il girja tal-President qal li Fleur-de-Lys kellhom jaghmlu l-arkata tal-bziezaq, banner bil- kliem 'Merhba Fleur-de-Lys' kif ukoll jipprovdu xi bandisti hdejn il-gnien ta' Fleur-de-Lys.

5.3 Dwar 'Gieh Fleur-de-Lys' ic-Chairperson qal li din l-attivita kient success kbir u li ghandha tibqa ssir.

5.4 Fit-24 ta' Dicembru ghandha ssir attivita ghat-tfal hdejn il-knisja. Din l-attivita ghandha tinghata sinifikat. Ghalhekk it tfal ghandhom igibu flixken tal-plastik u dawn jitwaddbu fi skip provdut apposta. Dawn jinghataw rigal zghir ghal-Milied.

5.5 Is-Sur Antoine Attard staqsa lis-segretarju biex jistatqsi x' kien il-progress rigward il-konfini, l-istema u l-allokazjoni finanzjarja.

5.6 Rigward l-problema tal-iskips, u l-petition li semma is-Sindku, is-Sur Antoine Attard qal li mhux sew li l-kumitat jiehu decizjoni u din tigi njorata. Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa qal li forsi mhux ideja hazina li ssir 'petition'. Is-Sur Tony Formosa ssekonda lis-Sur Antoine Attard meta dan qal li jekk il-kumitat jiehu decizjoni din ghandha tigi onorata u hadd m'ghandu jwaqqafha.

5.7 Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa dwar l-azjenda tal-Konika qal li kif kien mifthiem ic-chairmen ta' din il-kumpanija kien hemm fl-upgrading u jibqa jghin kull sena. L-ispejjes kienu €1,000 zebgha u siment li dawn gew imhallsa minn din il-kumpanija. Din l-istess kumpanija ghamlet ukoll it-tabelli ma' d-dustbins. Intefqghu ukoll €350 ghal hedging zghir li twahhlu fil-planters kif ukoll saru il-kancelli tal-gnien. Is-segretarju qal li huwa kien irceva e-mail minghand ic-chairman tal-istess kumpanija fejn dan informa l-kunsill li mindu saret it-triq dahallu l-ilma fil-propjeta tieghu. Is-segretarju qal li hu baghat il-perit biex issir inspection tal-post fejn dan qal li aktarx it-tixrib huwa antik u mhux tax-xita li kienet saret dik il-gimgha. Is-segretarju

qara l- e-mail li kien irceva minghand ic-chairman ta' din il-kumpanija kif ukoll ir-rapport tal-perit.

5.8 Is-Sur Anthony Formosa rega' fakkar dwar il-problema tal-'Kanadiz'. Ic-Chairperson, is-Sur Ronald Briffa rega' qal li fil-fehma tieghu dan ghandu jieqaf minnufih jekk isir parkegg bil-hin.

5.9 Ic-Chairperson qal li huma kienu applikaw ghal €20,000 biex jittranga dan il-gnien. Peress li hafna minn dan ix-xoghol sar l-ispiza ghandha tkun inqas. Ghandhom jitwahhlu din il-gimgha stess il-kliem 'Fleur-de-Lys'. Barra minnhekk ghandu jsir kjosk. Ghalhekk parti minn dawn il-fondi jistghu jintuzaw ghalhekk. Huwa semma ukoll li kellem lill-Pulizija biex isiru izjed rondi ghax kien hemm rapporti li hemm klikka li qed jaghmlu hafna vandalizmu. Huwa kompla jghid li ghandhu jsir brainstorming session biex wiehed jara kif jistaw jintefqu dawn il-fondi fl-ahjar modd. Dettalji rigward il-hin u l-post jigu maghrufa jzjed il-quddiem.

## 6. Aggornament

Il-laqgha spiccat fis-5.25 pm u giet aggornata ghal nhar it-Gimgha, 10 ta' Jannar 2012, fl-4.00pm, fl-ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara.

Is-Sur Ronald Briffa
Chairperson

Is-Sur Arthur Pizzuto
Segretarju tal-Kumitat Amministrattiv